MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 158/2008

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 ta’ April 2008 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fid-19 ta’ Diċembru 1993, skond kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom illi kopja tiegħu qed tiġi annessa ma’ dan ir-rikors u esebita u mmarkata bħala Dok. A, u sseparaw bonarjament permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Robert John Muscat, datat 18 ta’ Lulju 2007, u dan kif jidher mill-kopja relattiva tal-kuntratt, li qed tiġi annessa ma’ dan ir-rikors, u esebita u mmarkata bħala Dok. B;

2. Illi miż-żwieġ tagħhom il-kontendenti kellhom żewġt itfal: Y, illi twieldet fid-19 ta' Lulju 1998 u Z, illi twieldet fil-11 ta' April 2001;

3. Illi l-kontendenti ltaqgħu meta l-attriċi kellha tmintax (18)-il sena u l-konvenut kellu għoxrin (20) sena, u kien wara sena u nofs għerusija illi huma ddeċidew illi jiżżewġu fi żmien sitt (6) xhur, u dan għaliex kienu ddejqu jaqsmu Malta kull darba illi jkunu jridu jiltaqgħu, billi l-attriċi kienet tgħix San Pawl il-Baħar u l-konvenut kien jgħix Marsascala;

4. Illi f'għajnejn il-kontendenti, dik kienet raġuni valida sabiex jiżżewġu. Raġuni oħra kienet illi permezz taż-żwieġ, setgħu joħorġu mid-djar tal-ġenituri rispettivi tagħhom mingħajr ma jiġġieldu magħhom, u b'hekk jiksbu l-liberta' illi kienu jixtiequ – partikolarment l-attriċi;

5. Illi l-familja tal-konvenut hija benestanti, u minħabba f'hekk, l-attriċi kienet tħossha nferjuri għall-konvenut, speċjalment f'għajnejn il-ġenituri ta' l-istess konvenut illi ma kienux ħadu gost meta l-koppja għarrfithom bil-pjanijiet taż-żwieġ;

6. Illi fl-għerusija l-attriċi kienet diġa' tbati minn *anorexia nervosa* u *bulimia*, u dan *ad insaputa* tal-konvenut – din is-sitwazzjoni kienet ukoll aggravata minħabba illi l-konvenut kien jiskarta lill-attriċi mill-lat ta' intimita' sesswali, saħansitra fl-għerusija. L-attriċi kienet għalhekk tkompli tgħakkas lilha nnifisha b'nuqqas ta' ikel u anki tieħu miżuri sabiex dak illi tiekol ma jkollu ebda effett fuq il-figura tagħha, għaliex kienet temmen illi jekk tkun irqaq ser tkun aktar attraenti sesswalment għal żewġha, iżda effettivament, dan ma kienx il-każ u s-sitwazzjoni kompliet aggravat ruħha fiż-żwieġ;

7. Illi fil-fatt, l-intimita' sesswali bejn il-koppja, anke fil-bidu nett taż-żwieġ, kienet mill-inqas u għalhekk il-kontendenti kienu anke fittxew l-għajnuna ta' professjonisti sabiex jipprovaw isolvu l-problema tagħhom, iżda l-

konvenut kien iħoss illi dan aktar kien qiegħed ikabbar il-problema milli jsolviha;

8. Illi dan wassal lill-attriċi sabiex tabbanduna d-dar matrimonjali wara illi kellha relazzjoni adultera – u dan wara lanqas tlett (3) snin mid-data taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ;

9. Illi wara xi xhur jgħixu separatament, il-partijiet reġgħu pprovaw isalvaw iż-żwieġ tagħhom, iżda inutilment għaliex il-problemi ta' *nervosa* u *bulimia*, nuqqas ta' intimita' sesswali u eventwali relazzjoni adultera oħra ta' l-attriċi, wasslu sabiex l-istess żwieġ jisfaxxa interament, minkejja t-twelid, fil-frattemp, taż-żewġ ulied tal-partijiet;

10. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-attriċi.

11. Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fid-19 ta' Diċembru 1993, jiġi dikjarat null u bla effett skond il-liġi, għar-raġunijiet fuq premessi, u senjatament *stante* illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-oħra li setgħet mix-xorta tagħha, tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(c) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ ta' l-1975;

12. Illi ż-żwieġ tal-kontendenti huwa null ukoll peress illi l-kunsens taż-żewġ partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja illi għamlitha mpossibbli għall-istess illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(d) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ;

13. Illi ulterjorment, iż-żwieġ tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-liġi, għall-fini ta' l-Artikolu 19(1)(f) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ, *stante* illi l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, ingħata bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Għaldaqstant l-attriċi, in vista ta' dan kollu fuq premess, titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontedenti nhar id-19 ta' Dicembru 1993 huwa null u bla effett fil-liġi għall-fini tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(1)(c), (d), u (f) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2008, li permezz tagħha espona:

1. Illi hu jaqbel illi ż-żwieġ ikkontrattat mill-kontendenti fid-19 ta' Diċembru 1993 huwa null u bla effett legali u għalhekk jirrimetti ruħu għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti skond ir-riżultanzi tal-kawża;

2. Illi pero' hu m'għandux ibati l-ispejjeż tal-kawża odjerna *stante* l-fatt illi kif ser jirriżulta mill-provi, iż-żwieġ kien vizzjat minħabba raġunijiet imputabbli lir-rikorrenti biss, u mhux lilu;

3. Illi l-esponenti jaqbel mal-kontenut ta' l-ewwel raġuni li ingħatat in sostenn tat-talbiet fil-proċeduri odjerni, intestata taħt paragrafu ħdax (11) filwaqt li ma jaqbilx mal-kontenut tar-raġunijiet l-oħra ntestati taħt paragrafi tnax (12) u tlettax (13) sa fejn u in kwantu dawn jimputaw xi forma ta' ħtija da parti tiegħu, *stante* illi kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-kunsens tiegħu ma kienx vizzjat.

4. Illi l-esponenti jaf dawn il-fatti personalment;

Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun hemm bżonn;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hija nġunta minn issa għas-subizzjoni tagħha.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits kemm ta' l-attriċi kif ukoll tal-konvenut;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2009 illi permezz tiegħu l-kawza tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1993 a bażi ta' l-Artiklu 19 (1) (c), (d), u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut jaqbel u qal li jirrimetti ruħu; iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: *"F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kappriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (**"Anna Tonna vs Alexander Tonna"** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli ċitati mill-attriċi jirrigwardaw:

*19 (1) (c)* – qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra.

*19 (1) (d)* – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

*19 (1) (f)* – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Mill-provi mressqa jidher li ż-żwieġ sar meta l-partijiet kellhom ftit aktar minn għoxrin sena u skond l-attriċi żżewġu wara biss sitt xhur li kienu joħorġu flimkien biex jevitaw l-iskariġġ għax kienu joqogħdu bogħod minn xulxin. Kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawża **“Joseph Zammit vs Bernardette Zammit”** (27 ta’ Jannar, 2006):

*“Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u ċioe’ li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta’ l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u ċioe’ li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b’anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ. Ta’ min jenfasizza hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taz-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ.*

*Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi ppruvat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta’ l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b’att pożittiv tal-volonta’ ta’ dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispożizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta’ simulazzjoni u għandu jiġi enfasizzat li nullita’ ta’ żwieġ bażata fuq il-kawżali ta’ simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita’ ta’ żwieġ minħabba nuqqas ta’ esklużjoni ta’ ġudizzju. L-inkompatibbilta’ bejn dawn iż-żewġ kawżali*

*toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali. "*

Fil-kawża **"Nicholas Agius vs Rita Agius"** (25 ta' Mejju, 1995) intqal illi: *"B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ."* F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi **"Angela Spiteri vs Joseph Spiteri"** (4 ta' Novembru, 1994), **"Robert Attard vs Josephine Attard"** (18 ta' Ottubru, 1995) u **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (14 ta' Awissu, 1995).

Fil-kawża fl-ismijiet **"Mario Mizzi vs Maris Mizzi"** (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti ta' l-Appell ukoll qalet li: *"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali."*

Il-partijiet iwaħħlu f'xulxin fis-sens li l-attriċi tgħid li l-konvenut kien jiskartaha għall-intimata' sesswali u l-konvenut jgħid li kien joqgħod attent biex il-konvenuta ma toħroġx tqila. Eventwalment pero' kellhom żewġt itfal; l-attriċi pero' tammetti li kellha relazzjoni adultera tlett snin wara ż-żwieġ. Il-Qorti tħoss li għandha tiċċensura l-mod leġġer kif il-partijiet qed iħarsu lejn kif se jeħilsu minn xulxin daqs li kieku ma iżżewġux u daqs li kieku m'għandhomx żewġt itfal bejniethom iżda fl-istess tħoss li dan l-istess atteġġjament tagħhom twassalha biex taderixxi għat-talba attriċi. Il-Qorti jidhrilha ukoll li l-attriċi

għandha tbati l-ispejjeż tal-proċeduri għar-raġuni msemmija.

**Għalhekk il-Qorti tilqa’ t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ celebrat bejn il-partjiet fid-19 ta’ Diċembru 1993; spejjeż a kariku ta’ l-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------